MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 418/2007

**Maria C. Cilia, f'isem l-Assocjazzjoni**
**ta' Sidien ta' Kondominju 'Mare Ionio',**

**vs**

**Charles Barbara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attrici nomine fejn gie premess illi l-ammont mitlub huwa flus li l-konvenut kellu jhallas lill-Assocjazzjoni ta' Sidien ta' Kondominju "Mare Ionio", f'Wied il-Ghajn, bhala kontribuzzjonijiet dovuti skont ftehim bejn is-sidien ghal 2005, 2006 u 2007.

Il-konvenut, izda, naqas milli jhallas dawn il-kontribuzzjonijiet.

Ghalhekk, l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-imsemmija somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450), ekwivalenti ghal elf u tmienja u erbghin

Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€1,048.22), bl-imghax legali fuq mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmi (€349.41), mill-15 ta' Marzu, 2005, mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmi (€349.41), mill-15 ta' Marzu, 2006 u fuq mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmi (€349.41) mill-15 ta' Marzu, 2007, dati meta l-pagamenti kienu dovuti.

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi *in linea* preliminari, l-attrici ghandha qabel xejn tipprova li ghandha r-rapprezentanza tal-*condominium*, kif ukoll li giet awtorizzata tintavola dawn il-proceduri.

Illi, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont hekk pretiz mhux dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra x-xhieda ta' Maria Cilia, li in rapprezentanza tal-Assocjazzjoni, spjegat illi kull sid ta' appartament fil-blokk in kwistjoni, kien, flimkien mal-kuntratt, iffirma wkoll sett regolamenti u kundizzjonijiet - '*Memorandum and Conditions for Owners Association for Property*' u dawn kienu kollha gew iffirmati. Kien hemm ukoll ftehim li jsir *Owner's Association*. Pero' ma setghetx tikkonferma jekk l-istess kundizzjonijiet kienux annessi mal-kuntratt ta' konvenut.

Tikkonferma li l-konvenut kien akkwista l-appartament fl-2004, filwaqt li hi kienet akkwistatu fl-2000 u sa dak iz-zmien ma kienx hemm problemi.

Ghall-habta ta' Mejju, 2001, kienet saret laqgha tal-membri tal-erba' (4) blokks t'appartamenti, izda l-attrici tistqarr li ma kienitx marret. Il-konvenut sa dak iz-zmien

ma kienx ghadu xtara l-appartament u kien xtrah fl-2003 jew 2004. Miriam Azzopardi kienet infurmatha li kien sar ftehim li kellhom jithallsu mitt lira Maltin (Lm100), u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u tlieta u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), kull sena u dan sabiex ikopru l-ispejjes tal-*maintenance, repairs*, kif ukoll ghall-hsarat u tindif u jekk kemm –il darba ma kienux ihallsu ma setghux juzaw il-*lifts* sakemm isir il-hlas.

L-*insurance* kien jithallas minn Santu Gauci, li kien is-sid tal-blokk, imbaghad fl-istess waqt kien sar ftehim li malli jaghti l-*handover* Santu Gauci, kienu jhallsu hamsin lira Maltin (Lm50), u cioe' ekwivalenti ghal mija u sittax –il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan sabiex ikopru l-*insurance* bejn l-erba' (4) blokks.

Dan il-ftehim kien intlahaq meta kienet twaqqfet l-Assocjazzjoni.

Tispjega li l-ewwel darba l-konvenut kien hallas, izda s-sena ta' wara ma riedx ihallas ghaliex kien qal li l-appartament tieghu kien jinstab fil-*ground floor*, kif ukoll kien appartament zghir u ghalhekk ma kellux jikkontribwixxi ghal-ispejjes tal-manutenzjoni. Tghid li l-ammont tal-kontribuzzjoni kienet l-istess ghal kull sid, irrespetivament mill-kobor tal-appartament u dan kien ighodd ukoll ghal dak li jirrigwarda l-assikurazzjoni.

Sidien ohra li jinsabu fl-istess livell tal-konvenut, xorta baqghu jhallsu u ghandhom l-istess *layout* u qatt ma sabu skuza sabiex ma jhallsux ghall-komun.

Tghid ukoll li meta ghal ewwel darba kienu ftehmu fuq dawn il-kontribuzzjonijiet kienu tlett (3) sidien, hi, Miriam Azzopardi, u Grace Brincat u kwalsiasi proprjetarju gdid kien gie infurmat verbalment. Izda meta l-appartamenti kienu nbieghu kollha, hlief ghal wiehed (1), kienu ltaqghu lkoll u ftehmu li dawn il-kontribuzzjonijiet ghandhom jithallsu.

Tippreciza, li dan il-ftehim sar qabel ma dahal *in vigore* il-*Condominium Act* u tghid li xorta baqghu jadottaw il-ftehim li kellhom.

L-attrici kienet saret amministratrici tal-blokk, fil-laqgha tal-15 ta' Ottubru, 2005. Kien hemm hames (5) membri prezenti, minn tmien (8) appartamenti, izda l-konvenut ma kienx attenda ghal din il-laqagha, meta kienu twahhlu l-avvizi fuq in-*notice board*, fl-intrata tal-blokk.

Tghid li bhala assistenti kellha wahda mis-sidien tal-blokk, Mrs. Valentino, u din kienet tghinha ghal dak li jirrigwarda l-*Helpers* li jigu jnaddfu l-post, kif ukoll ghaliex kienet tiffirma maghha c-cekkijiet ghal dak li jirrigwarda l-hlasijiet tal-ispejjes tal-manutenzjoni u l-istess Valentino kienet izomm *records* ta' dawn il-pagamenti.
Tikkonferma li ma kienx hemm statut, izda fil-kuntratt ta' akkwist, kien hemm specifikat x'kienet il-kompetenza ta' din l-Assocjazzjoni. L-Assocjazzjoni giet registrata fit-13 ta' Settembru, 2007. Ma kienet saret l-ebda registrazzjoni mal-Lands, izda fil-korrispondenza mal-istess Dipartiment ma kienitx giet infurmata li l-Assocjazzjoni kellha tigi registrata. Kienet infurmat id-Dipartiment li hija kienet l-amministratrici tal-assocjazzjoni, izda tametti li ma kienitx infurmat lill-*condominii* kollha.

Bhala laqghat tispjega li dawn kienu jsiru kull meta kien hemm il-htiega, ma kienx hemm perjodu fiss. Izda ta' l-anqas dejjem tinzamm laqgha darba fis-sena. Tikkonferma li l-konvenut qatt ma kien jattendi ghal dawn il-laqghat u kemm –il darba ppruvaw jikkomunikaw mieghu, izda kien ghalxejn u kien ghalhekk li kienet spiccat biex titolbu l-hlas permezz ta' ittri registrati.

Qabilha, tghid li kien hemm amministratrici ohra u din kienet Miriam Azzopardi, li kienet qaltilha li ma xtaqitx tkompli bhala amministratrici u dan peress li l-konvenut kien qed ihabbatha wisq, ghaliex qatt ma ried ihallas il-kontribuzzjoni tieghu ghall-manteniment tal-partijiet komuni. Kien igib l-iskuzi li ma kienx jabita fl-appartament personalment u peress li kien jabita fil-*ground floor* ma kienx juza' l-*lift*.

Barbara, cioe' il-konvenut, kien membru tal-Assocjazzjoni u kien sid tal-appartament numru 2, izda ma kienx joqghod f'dan l-appartament, izda kien jikrih lil terzi.

Ghal ewwel sena ma kienx hallas il-kontribuzzjoni shiha ghaliex kien akkwista l-appartament f'nofs is-sena, izda mbaghad kien accetta li jibda jhallas l-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41), u fil-fatt kien hallas ghas-sena 2004, pero' ma setghetx tikkonferma kif kien ghamel il-pagament.

Wara, beda jinsisti li jhallas biss mitt lira Maltin (Lm100), ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), fuq sentejn, bl-iskuza li ma kienx juza' l-*lift*. Bejn 2005 u 2007 ma kienx ghamel kontribuzzjonijiet, izda mil-mizati tal-membri l-ohra kienet thallset is-sehem tal-*insurance* tieghu, izda ma kienux koprew is-sena 2007.

Tghid li kienet issuggerietlu permezz ta' ittra li seta' jigbor dawn l-ispejjes mill-inkwilini tieghu.

Fis-26 ta' Jannar, 2006 tikkonferma li kienet kitbet lill-konvenut sabiex ihallas, izda dejjem kien qed isib l-iskuzi u ghalhekk kellha titlob l-assistenza legali u peress li baqa' m'ghamilx pagamenti kellhom jiehdu passi kontrih.

Ra x-xhieda ta' Maria Victoria Azzopardi, li kienet amministratrici tal-Assocjazzjoni bejn 2001 u 2005, u filwaqt li tikkonferma dak kollu li xehdet Maria Cilia, tghid ukoll lil-konvenut ma kienx hallas ghall-kontribuzzjonijiet, hlief ghal ewwel (1) sena.

Kien jigi mgharraf regolarment bir-rendikont li kellu jaghti, kemm bil-posta u gieli anke bit-telefonati.

Ra x-xhieda ta' Patricia Valentino, li hija s-sid tal-appartament numru tmienja (8). Tikkonferma li kien

ikollhom problemi mal-konvenut Barbara sabiex ihallas il-kontribuzzjoni annwali tieghu.

Tiftakar li kien ghamel il-pagament fl-2004, izda mbaghad kien ikollu xi jghid mal-Amministratur tal-Assocjazzjoni, ghaliex ma kienx irid ihallas ghaliex kellu appartament zghir u ma kienx jaghmel uzu mill-affarijiet komuni, izda tametti li gieli kienet ratu jaghmel uzu mil-*lift*.

L-istess kien jigri mal-inkwilini tieghu, li ma kienux iharsu r-regolamenti tal-blokk, izda meta kienu jippruvaw ikellmuhom, kienu jirrispondu li kellhom jitkellmu mal-konvenut u mhux maghhom.

Ra x-xhieda tal-konvenut Charles Barbara, li jispjega illi essenzjalment jametti li ghandu jhallas il-kontribuzzjonijiet, pero’ dak li kien qed jikkontesta huwa s-sehem tieghu u dan partikolarment, ghaliex l-appartament tieghu huwa wiehed mill-izghar, meta per ezempju l-*penthouse* kienet tiswa’ madwar kwart ta’ miljun lira Maltin (Lm250,000.00), ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin elf, tlett mija u tlieta u erbghin Euro u hamsa u tletin centezmi (€582,343.35), u ohrajn kienu jiswew madwar *circa* mitejn lira Maltin (Lm200.00), u cioe’ ekwivalenti ghal erba’ mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€465.87), u ghalhekk ma jhossx li minhabba f’hekk ghandu jhallas l-istess ammont ta’ assikurazzjoni, bhalhom, meta l-appartament tieghu kien iqum *circa* hamsa u sittin elf lira Maltin (Lm65,000), ekwivalenti ghal mija u wiehed u hamsin elf, erba’ mija u disa’ Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€151,409.27). Dan kien jafu ghaliex is-sid tal-blokk kien offrielu l-bejgh ta’ dawn l-appartamenti.

Jikkontendi wkoll li anke bhala faccata ghandu anqas mill-ohrajn, li ghandhom *circa* hamsa u disghin (95) pied bhala faccata.

Peress li l-appartament tieghu kien jinstab fil-*ground floor*, ghalhekk ma tantx kien jagmel uzu mill-*lift*, hlief sabiex jaghmel il-manutenzjoni tal-*lift* u kien qed jikkontesta li jaghti l-kontribuzzjonijiet tieghu.

Dwar it-tindif, il-kontestazzjoni tieghu hija li irid ihallas ghat-tindif sal-*main entrance* u l-bqija ma kienx dipost ghaliex ma kienx jaghmel uzu mit-tarag.

Meta ghamel l-kontribuzzjoni tieghu darba kien taht l-impressjoni li kien hemm xi appartamenti vojta u jghid ukoll li qatt ma kien gie avzat bil-laqghat.

Il-konvenut jikkonferma li mhux dejjem joqghod f’dan l-appartament, gieli ghamel xi tlett (3) gimghat jew jistieden hbieb joqghodu fih, jew inkella kien jikrih u kien gara hekk xi tlieta (3) jew erba’ (4) darbiet. Illum kien jinsab mikri.

Ighid li kien hemm drabi fejn l-inkwilini kellhom jitilghu fuq il-bejt ghaliex xi hadd kien qalghalhom it-tank tal-ilma.

Jikkonferma li kien hemm *notice board,* pero’ jichad li kien ra xi avvizi dwar il-laqghat tal-kondomiju jew li impustawlu xi ittri li kien hemm fuq dan in-*notice board*.

Ighid li m’ghandux amment jekk meta kien ghamel kontribuzzjoni, kienx hallas b’cekk.

Barbara jispjega li l-assikurazzjoni tal-appartament tieghu kien imhallas ghall-perjodu bejn 2005 u 2009 u jichad li l-polza kienet tifforma parti mill-assikurazzjoni tal-blokk, izda kien harigha personalment.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Dwar l-ewwel eccezzjoni, irrizulta li fil-15 ta’ Ottubru, 2005, l-attrici Maria Cilia kienet giet appuntata bhala amministratrici tal-Condominium ta’ “Mare Ionio”, f’Wied il-Ghajn. Minn tmien (8) sidien, hamsa (5) biss kienu prezenti ghal din il-laqgha, fejn l-attrici kienet inghatat dan l-inkarigu u fil-fatt kienet infurmat lid-Dipartiment tal-Artijiet li kienet tokkupa l-kariga ta’ Amministratrici tal-Assocjazzjoni.

Ghalhekk, it-Tribunal ihoss li ma hemmx xejn aktar x'jinghad fuq din l-eccezzjoni, hlief li l-eccezzjoni tal-konvenut ma tirrizultax sostnuta u l-prova mehtiega mll-attrici saret sufficjentement.

Fil-meritu, l-konvenut fid-deposizzjoni tieghu jikkontendi li ghandu jaghmel xi tip ta' kontribuzzjoni lejn il-manutenzjoni tal-blokk, mertu tal-vertenza odjerna, izda peress li l-appartament tieghu kien jinstab fil-pjan terran (*ground floor*), u l-valur tal-appartment tieghu kien ferm anqas minn dak tal-appartamenti l-ohra, m'ghandux ihallas l-istess ammont bhal haddiehor. Jinsisti li l-appartament tieghu kien jiswa' madwar hamsa u sittin elf lira Maltin (Lm65,000), ekwivalenti ghal mija u wiehed u hamsin elf, erba' mija u disa' Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€151,409.27), filwaqt li l-ohrajn aktar 'l fuq kienu jiswew madwar mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00), ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), u l-*penthouse* kelha valur meta giet akkwistata li jammonta ghal kwart ta' miljun lira Maltin (Lm250,000), ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin elf, tlett mija u tlieta u erbghin Euro u hamsa u tletin centezmi (€582,343.35), u dan partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-*insurance*.

L-Artikolu 5 tal-Att Dwar il-Condominia jikkontempla illi:-

"Kemm –il darba ma jirrizultax xort'ohra mit-titolu tas-sidien ta' l-oqsma separati, jew sakemm ma jkunx hemm qbil mod iehor bejn il-condomini b'att pubbliku, il-partijiet komuni ta' condominium huma dawn li gejjin, ukoll jekk wiehed jew izjed mill-condomini ma jaghmlix uzu minnu:-

***(a) l-art li fuqha jkun mibni l-condominium, il-pedamenti, il-hitan ta' barra, inkluzi l-hitan divizorji komuni ….it-tarag, il-bibien ta' dhul komuni, intrati, …… .kull parti ohra tal-proprjeta' li ghandha l-ghan li tintuza b'mod komuni.***

***(b) il-partijiet li jintuzaw bhala intrata u bhala kamra tal-hasil komuni….u ghal kull facilita' ohra li ghandha ghan li tintuza b'mod komuni;***

***(c) id-dwal, bjar, tankijiet, akwedotti, drenaggi, pajpijiet tal-katusi tal-ilma, kull stallazzjoni ghall-ilma, gass, elettriku, tishin u servizzi ohra simili sa fejn dawk l-installazzjonijiet jaqsmu lejn il-proprjeta' eskluzziva ta' kull condominus, u kull opra, stallazzjoni u oggett ta' kull ghamla li tkun li ghandhom ghan li jintuzaw b'mod jew ghall-beneficcju komuni."***

L-Artikolu 6 (1) imbaghad jkompli jikkontempla illi:-

***"Kemm –il darba ma jkunx hekk jirrizulta mit-titolu li jkollhom, l-ishma fil-partijiet komuni ghandhom jitqiesu bhala li jkunu maqsumin b'mod indaqs bejn is-sidien tad-diversi oqsma separati."***

Fil-kuntratt ta' akkwist tal-konvenut, ***"l-bieb ta' barra, l-entrata, it-tarag, il-landings, it-tromba tal-bejt, il-lift u l-lift shaft, is-sistema tad-drenagg u tal-katusi tal-ilma tax-xita,"*** gew deskritti bhala l-partijiet komuni ta' dan il-blokk.

Ugwalment, dawn gew identifikati bhal l-partijiet komuni fil-'*Memorandum and Conditions for Owners Association for Property'* at Triq Zonqor, Marsascala.

Hemm gie miftiehem ukoll li :- ***" The committee elected to take care of the upkeep and maintenance of the common parts shall have the right to collect the amount they decide to be necessary for such upkeep as may be required from time to time."***

Ghall-habta ta' Mejju, 2001, kienet saret laqgha tal-membri tal-erba' (4) *blocks* fejn kien gie mifitehem mis-sidien ta' dak iz-zmien li ihallsu mitt lira Maltin (Lm100), u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), kull sena u dan sabiex ikopru l-ispejjes tal-*maintenance, repairs*, kif ukoll ghall-hsarat u tindif u jekk kemm –il darba ma kienux ihallsu ma setghux juzaw il-*lifts* sakemm isir il-hlas.

L-*insurance* kienet tithallas minn Santu Gauci, li kien is-sid tal-blokk, imbaghad fl-istess waqt kien sar ftehim li malli jaghti l-*handover* Santu Gauci, kienu jhallsu hamsin lira Maltin (Lm50), u cioe' ekwivalenti ghal mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmi (€116.47), u dan sabiex ikopru l-*insurance* bejn l-erba' (4) *blocks*. Ghalhekk l-ammont li kienu qablu fuqu kien mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmi (€349.41).

Il-laqghat kienu jsiru ta' l-anqas darba fis-sena, u l-maggorparti tas-sidien tal-appartamenti kienu jattendu. Minn meta kienet saret Amministratrici, l-attrici, kienet tibghat tinforma lis-sidien permezz ta' avviz li kienet titwahhal fuq in-*Notice Board* tal-blokk.

Ghal ewwel sena, il-konvenut kien ghamel l-pagament tieghu ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150), ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmi (€349.41), u r-raguni tieghu kienet li dak iz-zmien kien hemm anqas sidien, u kien taht l-impressjoni li l-ammont kellu jitnaqqas malli jizdiedu s-sidien.

Pero' l-konvenut baqa' ma jattendix regolarment ghal dawn il-laqghat, minkejja li kien hemm diversi tentattivi sabiex javzawh u jfakkruh dwar il-hlas.

Mill-provi prodotti, l-argumenti li ressaq il-konvenut in sostenn tad-debitu tieghu, huma li la darba l-appartament kien jinstab fil-pjan terran, ma kellux ihallas ghat-tindif tat-tarag minn hdejn l-appartament tieghu 'l fuq. Il-*lift* ma kienx jaghmel uzu minnu, izda mbaghad jirrizulta li l-konvenut kien jikri dan l-appartament u ghalhekk kien qed isir uzu minnu minn terzi.

Jikkonferma li gieli kien hemm drabi, fejn l-inkwilini kien ikollhom jaghmlu uzu mill-*lift* u dan peress li xi hadd kien qed jaghlaq it-tankijiet.

Ghal dak li kien jirrigwarda l-*insurance* tal-post, kien ippropona li johrog polza separata ghall-appartament tieghu, izda dan qatt ma rrizulta.

Il-*punto sta* li l-konvenut qatt ma ta gustifikazzjoni ghal nuqqas tal-kontribuzzjoni tieghu, hlief meta intervjena l-avukat u l-kwistjoni spiccat il-Qorti.

Il-ligi dwar il-Condominia tirrikjedi li jekk hemm xi nuqqas ta' qbil bejn is-sidien tal-blokk dwar il-kontribuzzjonijiet, il-kwistjoni ghandha tispicca ghall-arbitragg.
L-Artikolu 11 tal-Att Dwar il-Kondominia jispecifika kif ghandhom jinqassmu l-ispejjes ghall-manutenzjoni, preservazzjoni, tiswijiet ordinarji u straordinarji, ghat-tgawdija tal-partijiet komuni, ghall-ghoti tas-servizzi fl-interess komuni u ghal kull tibdil li jsir bi qbil tal-*condomini*, skond il-valur tal-proprjeta' ta' kull *condominus*, salv kull ftehim iehor.

Hawn si tratta d-dritt ta' arbitragg, jekk l-*condominus* iqis li sehem tieghu ghal dawn l-ispejjes ma jkunx wiehed gust fil-qies tal-valur tad-drittijiet li ghandu bhala wiehed mis-sidien.

Pero', jirrizulta car li l-ftehim u l-qbil tal-*condominium* kien u dejjem baqa' li kulhadd jikkontribwixxi l-istess ammont u qatt ma kienet kwistjoni d-differenza *o meno* tal-valur tal-appartamenti.

Il-konvenut kellu kull dritt li jattendi ghal laqghat ghaliex ghat-Tribunal kien gie notifikat stante li l-avvizi kienu jsiru regolarment u skont il-procedura mehtiega.

Huwa minnu wkoll li ma gietx esebita kopja tal-Memorandum tar-regolamenti tal-Condominium, iffirmata mill-konvenut, izda jidher li kull sid gdid inghata kopja ta' dawn ir-regolamenti u *inoltre*, il-konvenut kien konsapevoli taghhom ghaliex fl-2006 ghamel il-kontribuzzjoni tieghu regolarment.

Apparti minn hekk, l-appartament jinkera u ghalhekk l-konvenut m'ghandux kontroll ta' xiex qed jaghmlu uzu l-inkwilini tieghu. Diga' ikkonferma li f'xi zmien kienu ghamlu uzu mill-*lift*.

Il-kuntriatt ta' akkwist ghamilha cara liema kienu l-partijiet komuni u fl-ebda stadju l-konvenut qajjem l-opposizzjoni tieghu, minkejja li originarjament, kien hemm ftehim ghall-ammont ugwali ghal kulhadd u dan meta kien hemm anqas sidien, Anzi, ghal kuntrarju hallas il-kontribuzzjoni tieghu u dan meta kien hemm diga' sidien ta' appartamenti li kellhom valur aktar minn tieghu.

L-opposizzjoni tal-konvenut ghal pagament tal-kontribuzzjonijiet dovuti minnu ghalhekk tirrizulta bhala wahda kompletament infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jordna l-konvenut ihallas l-ammont ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450), ekwivalenti ghal elf u tmienja u erbghin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22), bl-imghax legali fuq mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmi (€349.41) mill-15 ta' Marzu, 2005, mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u cioe' ekwivalenti ghal ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmi (€349.41), mill-15 ta' Marzu, 2006 u fuq mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) mill-15 ta' Marzu, 2007, dati meta l-pagamenti kienu dovuti,

Bl-ispejjes a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------